MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2009

Rikors Numru. 13/1999/1

**Kummissarju tal-Artijiet**

**vs**

**Dr. John J. Cassar nominat b’digriet tal-11 ta’ Mejju 1998 kuratur biex jirraprezenta lis-sid jew sidien incerti.**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur tal-Kummisarju tal-Artijiet li jghid:

“Illi b’ittra ufficjali tas-16 t’ April, 1998 l-intimat gie notifikat b’kopja ta’ Avviz ghall-Ftehim fejn fost affarijiet ohra gie nfurmat li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala frank u liberu tal-fond numru sebgha u erbghin, Sqaq ir-Regina, Belt Valletta li gie akkwistat mill-awtorita’ kompetenti b’titolu ta’ uzu u pussess bis-sahha ta’ Dikjarazzjoni tal-Gvernatur li ggib

id-data tal-31 ta’ Marzu 1953 u li ghalih l-istess Agent Kummissarju tal-Artijiet qed ihallas is-somma ta’ tlettax-il lira Maltin (Lm13) bhala ‘Acquisition Rent’ huwa ta’ tlett mija u erbgha u sittin liri Maltin (Lm64.00) kif jidher mir-rapport tal-Perit Mario Cilia A&CE tal-24 ta’ Marzu 1998 li estratt tieghu (Dok A) huwa anness mal-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tat-2 ta’ Gunju 1998 l-intimat fost affarijiet ohra jiddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert;

Illi b’cedola ta’ depozitu pprezentata fis-17 ta’ Gunju 1998 gie ddepozitat il-kumpens offert ta’ tlett mija u erbgha u sittin Lira Maltija (Lm364.00) ghal bicca art fuq deskritta bhala art immarkata B, u dan a terminu tal-artikolu 22 (4) tal-Kap 88;

Illi skond l-istess artikolu 22 tal-Kap 88 dan id-depozitu ma’ jinpedix lill-intimati milli jkomplu jikkontestaw quddiem il-Bord l-ammont offert lilhom, liema ammont pero’, ir-rikkorent jikkonferma li jqisu gust u skond il-Ligi;

Ghaldaqstant ir-rikkorent titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord jiffissa il-kumpens relattiv ghall-art fuq imsemmija skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghall-skopijiet pubblici (Kap 88)”

Ra l-ittra risponsiva tal-intimat (fol 38) li tghid:

Dr. John J Cassar nominat b’digriet tal-11 ta’ Mejju 1998 kuratur deputat biex jirrapresenta lill-“Sid jew Sidien incerti” tal-fon numru sebgha u erbghin (47) Sqaq ir-regina il-Belt Valletta jaghmel referenza ghall-Avviz ghall-Ftehim tas-17 ta’ April 1998 li bih infurmajtu li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hi lesta thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-fond fuq indikat huwa ta’ tlett mija u erbgha u sittin lira (LM364), jgharrfuk ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi li huwa ma jaccettax dan il-kumpens u peress li m’huwiex edott mill-fatti u ma jistax f’dan l-istadju jissuggerixxi ammont iehor u ghalhekk jitlob lil l-kumpens jigi determinat skond il-ligi minn dan il-Bord

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi mill-provi jirrizulta illi l-indirizz ta' dan  il-fond mhux precizament kif indikat mir-rikorrenti u dan ghaliex fi Queen's Lane in-numri tal-bibien jaslu sal-44. Jirrizulta izda illi hemm in-nurmu 47 fi Queen's Way u din hija meqjusa bhala estensjoni ta' Queen's Lane. Oltre dan, meta kienet tithallas il-kera tal-fond kienet tinhareg ricevuta fuq 47 Queen's Lane (Queen's Way). Ghalhekk il-Bord iqis illi il-fond huwa debitament identifikabbli ghal fini ta' espropriazzjoni;

Illi l-Bord kien assistit fuq din il-materja mill-perit arkitett Frederich H. Valentino u l-perit arkitett Joseph Mizzi li fuq relazzjoni tal-istess, esebita u formanti parti minn din is-sentenza, ikkonkludew bil-mod segwenti:

Wara li ahna ezaminajna d-diversi dokumenti u pjanti relattivi elenkati fil-process flimkien mad-diversi xhieda u provi migjuba; wara li hadna in konjizzjonoi tac-cirkostanzi kollha relatati ma dan il-kaz, jirrizultalna minn kalkoli li ahna ghamilna f'dan ir-rigward a bazi ta' l-Ordinanza Dwar l-Akkwist ta' Proprjeta' Ghall Skopijiet Pubblici Kap 88 jidhrilna illi l-valur ta' Lm364.00 jew l-ekwivalenza ta' Euros 847.89 kif moghti mill-istess rikorrenti huwa gustifikat.

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimat nomine jitrasferixxi bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut,  il-fond numru sebgha u erbghin, Sqaq ir-Regina, Belt Valletta ukoll maghruf bhala sitwat f'sebgha u erbghin Queen's Way, Belt Valletta) li kien akkwistat mill-awtorita' kompetenti bis-sahha tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur li jgib id-data tal-wiehed u tletin (31) ta' Marzu 1953 u dan bil-valur ta' Euro 847.89 (tmien mija seba u erbghin euro u disa u tmenin centezmu) oltre l-imghax legali. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli  bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku

biex jippubblika l-att fil-11 ta’ Marzu, 2009 fis-2.00 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrfha bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------